Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 127/2013

**Eugene Cardona (appellat)**

**Vs**

**L-Awtorita ghat-Trasport f'Malta maghrufa wkoll bhala Transport Malta (appellant)**

16 ta' Marzu, 2018.

1. Permezz ta' rikors prezentat fit-12 ta' Lulju, 2013, ir-rikorrent talab lit-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva sabiex jirrevoka d-decizjoni ta' Transport Malta tal-25 ta' Gunju 2013 fejn gie allegat illi *"During the inspection carried out by Transport Malta, the vehicle failed the brake test and had a torn bellow"*, u minflok tiddeciedi billi thassar ghal kollox u tannulla l-penalty points imposti fuq l-attur skond l-imsemmija ittra ta' Transport Malta tal-25 ta' Gunju 2013 u dan ghar-ragunijiet premessi fl-istess rikors.

2. L-intimata wiegbet u kkontestat it-talba tar-rikorrent u argumentat li t-talba hi minghajr bazi u ghandha tigi michuda gialadarba d-decizjoni hi legali u gusta u ghandha tigi kkonfermata.

3. B'sentenza tal-11 ta' Mejju, 2015, it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva ddecieda billi filwaqt li cahad l-ilment tar-rikorrent bazata fuq ksur ta' drittijiet fundamentali, nuqqas ta' smiegh xieraq u li d-decizjoni moghtija mill-Awtorita' intimata ma kinitx ben motivata, fil-meritu laqa' t-talba u ghalhekk hassar u rrevoka d-decizjoni tal-intimata tal-25 ta' Gunju 2013, bl-ispejjez kontriha.

4. B'rikors prezentat fit-28 ta' Mejju, 2015 l-intimata appellat mis-sentenza. L-aggravji huma dwar it-test ta' Service Break Efficiency u 'l fatt li kien hemm *bellow* imqatta'. Ir-rikors tal-appell hu kritika dwar l-apprezzament tal-provi li aghmel it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

5. Permezz ta' twegiba prezentata fit-12 ta' Gunju, 2015, ir-rikorrent ta r-ragunijiet ghalfejn l-appell ghandu jigi michud, fejn bazikament argumenta li din il-qorti m'ghandix tiddisturba l-apprezzament tal-provi li sar mit-Tribunal u li quddiemu nstemghu ix-xhieda *viva voce*. Kompla jsostni li l-appellant ma ta l-ebda ragunijiet validi ghalfejn is-sentenza tat-Tribunal ghandha tinbidel.

6. Il-qorti semghet it-trattazzjoni u qrat l-atti.

7. Il-kaz hu dwar nuqqasijiet li fl-14 ta' Gunju, 2013 l-intimata sabet fil-vettura XAR 225 li fuqha r-rikorrent kien ghamel *Vehicle Roadworthines Test*. F'ittra datata 25 ta' Gunju, 2013 l-intimata nfurmat lir-rikorrent li kien irrizulta li, *"the vehicle failed the brake test and had a torn bellow on the inner left hand drive shaft"*. Inoltre, ziedet li kien jirrizulta li *"the past test record data sheet shows that the Service brake efficiency test was not carried out"*. Dan wassal sabiex l-intimata mponiet sanzjoni ta' 120 punt fuq ir-rikorrent.

8. Mit-taghrif li hemm fl-atti, jirrizulta li:

   i. **Fis-6 ta' Gunju, 2013** saru erba' testijiet fuq il-vettura –

      (a) Fl-10.20.02 gie registrat FAIL ghal dak li jirrigwarda Service Brake Efficiency, Headlights u Sound;
      (b) Fl-10.30.38 gie registrat FAIL fis-sound. Din id-darba gie registrat PASS ghal dak li jirrigwarda Service Brake Efficiency u Headlight.
      (c) Fl-10.31.38 gie registrat FAIL fis-sound u PASS fir-rigward ta' Service Brake Efficiency u Headlight.
      (d) **Fil-10.47.27 gie registrat FAIL fir-rigward ta' Service Brake Efficiency, u Headlights**. Min-naha l-ohra gie registrat PASS fir-rigward ta' Sound. Irrizulta li l-vettura kellha diversi nuqqasijiet (ara fol. 163). Dan it-test sar fil-presenza ta' ufficjali tal-intimata. Dan it-test ma ssemmiex fis-sentenza tat-Tribunal (ara fol. 8 tas-sentenza fejn it-Tribunal elenka t-testijiet li saru lill-vettura).

   ii. **Fl-14 ta' Gunju, 2013** saru tlett testijiet fuq il-vettura –

      (a) Fil-11.29.55 ma sarux it-testijiet li saru fis-6 ta' Gunju, 2013 u li jissemmew hawn fuq. F'dan it-test sar test tal-gas u gie registrat PASS.
      (b) Fil-11.30.33 ma sarux it-testijiet li saru fis-6 ta' Gunju, 2013. Din id-darba sar biss test tal-brakes (front u rear axle) u gie registrat PASS.
      (c) Fil-11.35.34 sar it-test fuq is-sound u gie registrat PASS. Ma sarx it-test ghall-Service Brake Efficiency u lanqas headlights li kienu saru fis-6 ta' Gunju, 2013.
      (d) Fl-14.29.14 sar it-test fil-presenza ta' ufficjali tal-Awtorita. Din id-darba gie registrat FAIL fir-rigward tas-Service Brake Efficiency u pass fil-headlights u sound. Il-qorti ma tifhimx kif fir-rigward ta' dan it-test hemm zewg certifikati b'readings differenti (ara fol. 80 u fol. 127) ghalkemm test sar wiehed u l-'Inspection ID' stampat fiz-zewg

dokumenti hu '40-98-51 #2105'. F'kull kaz hemm stampat FAIL ghal dak li jirrigwarda Service Brake Efficiency.

9. It-Tribunal ghamel zball ta' fatt meta qal li fl-14 ta' Gunju, 2013 sar test, *"fis-14:28:38 fejn il-vettura ghaddiet mill-items kollha, inkluz is-service brake efficiency li ta rizultat ta' 89"*. Dak it-test sar fis-17 ta' Gunju, 2013 (ara fol. 81). Ghalhekk ma kienx korrett meta qal:

   *"Illi dan it-Tribunal josserva illi l-ewwel test li sar wara nofsinhar fl-14 ta' Gunju 2013 ta rizultat ta' 89 ghas-service brake efficiency, liema rizultat hu tajjeb hafna meta wiehed jikkunsidra li l-limitu ma jistax ikun inqas minn 50"*.

   Kif rajna, fl-14 ta' Gunju, 2013 ma sarx test ta' Service Brake Efficiency li ta rizultat ta' 89.

10. Il-kaz tal-intimata hu mibni fuq il-premessa li fl-14 ta' Gunju, 2013 ir-rikorrent hareg certifikat numru C2879060 b'PASS. Certifikat li l-intimata ma pprezentatx. Pero' ma jirrizultax li r-rikorrent ikkontesta li bhala fatt hareg dak ic-certifikat. Irrizulta pero' li fl-14 ta' Gunju, 2013 fil-11:51:09 ir-rikorrent baghat messagg ta' PASS lill-intimata (Dok. LA5 a fol. 124). Madankollu sa dak il-hin kien ghadu ma sarx it-test ta' Service Brake Efficiency. Ghallinqas hekk jirrizulta mir-rapporti li hareg ir-rikorrent stess. Dokumenti li jikkontradicu lir-rikorrent li fil-kontro-ezami xehed li dakinhar kollox ittestja (ara fol. 139). Fl-14 ta' Gunju, 2013 it-test ta' Service Brake Efficiency sar biss wara nofsinhar fil-presenza tal-ufficjali tal-intimata, u r-rizultat kien FAIL.

11. Hu ovvju li ladarba l-ahhar test li sar fis-6 ta' Gunju, 2013 ta rizultat ta' FAIL fir-rigward ta' Service Brake Efficiency, allura fl-14 ta' Gunju, 2013 ir-rikorrent kellu jerga' jaghmel dak it-test. Pero' dan ma sarx fit-tlett testijiet li saru filghodu fl-14 ta' Gunju, 2013. Meta xehed ir-rikorrent[1] ta x'jifhem li ma kienx rega' aghmel it-test ta' Service Brake Efficiency ghaliex kienu ghadhom kif inbidlu l-brejks. Atteggament inaccettabbli, ighid x'ighid ir-rikorrent li xehed li ta daqqa t'ghajn taht il-karozza u l-brejks deheru li nbidlu. It-test kellu jsir permezz tal-apparat li ghandu fil-garaxx tieghu. Li l-qorti tara wkoll stramb hu kif ir-rikorrent xehed li ghal dak li jirrigwarda l-brejks meta jinbidlu, *"trid taghmel hames mitt mili biex jigu tajbin"* (fol. 58), u fis-17 ta' Gunju, 2013 il-vettura ghaddiet mit-test Service Brake Efficiency. Il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li bejn l-14 ta' Gunju 2013 u s-17 ta' Gunju, 2013 il-vettura ma nstaqitx ghal 500 mil. Imbaghad fl-istess seduta ir-rikorrent xehed:

    *"Dr Jonathan De Maria: It-tieni darba inti ghalfejn ma ccekjajthomx il-brakes ?*
    *Xhud:* ***Ghax kien pass l-ewwel darba****"*.

---

[1] Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014.

Apparti li din hi verzjoni differenti, il-provi juru li fl-ahhar test li sar fis-6 ta' Gunju 2013 it-test kien **FAIL**. Ghalhekk ir-rikorrent ma qalx is-sewwa.

12. Hu minnu li fir-rigward tat-tieni test li sar fis-6 ta' Gunju, 2013 ir-rizultat kien ta PASS ghal dak li jirrigwarda s-Service Brake Efficiency. Mhemmx provi sufficjenti li juru li dak it-test sar fil-presenza ta' ufficjal tal-intimata, ghalkemm ir-rikorrent isostni li l-ufficjal kien prezenti ghat-testijiet li saru dakinhar. Il-provi li hemm anzi jindikaw li l-ufficjal tal-intimata kien prezenti ghall-ahhar test (ara dokumenti a fol. 161-166). F'kull kaz hu veru wkoll li fl-ewwel test li sar dakinhar, ir-rapport li hareg ir-rikorrent hu FAIL ghal dak li jirrigwarda s-Service Brake Efficiency. Il-qorti ma tistax tifhem kif ghaxar (10) minuti wara l-ewwel test, sar test iehor u din id-darba r-rizultat kien PASS. Mhemm l-ebda prova teknika li tista' tiggustifika tali fatt. Waqt li kien qieghed jixhed Joseph Mifsud, jidher li f'dan ir-rigward saru domandi lir-rikorrent u spjega li dik id-diskrepanza kienet minhabba li wara l-ewwel test kienu ntefhu t-tyres (fol. 101). Izda jekk dik kienet ir-raguni ghad-diskrepanza fir-rizultati, ir-rizultat tal-ahhar test ma kellux ikun FAIL. Ghalhekk din il-verzjoni wkoll mhijiex kredibbli.

13. Mhemmx dubju li l-messagg ta' PASS li r-rikorrent baghat lill-intimata fl-14 ta' Gunju 2013 ma kellu qatt jintbaghat gialadarba t-test li r-rikorrent ghamel fuq il-vettura ma kienx komplut.

14. In kontro-eżami r-rikorrent xehed ukoll li fl-14 ta' Gunju, 2013 it-testijiet ta' filghodu kollha saru fil-presenza ta' ufficjali tal-intimat. Fatt li ma giex konfermat minn George Farrugia, *technical officer* li jahdem mal-intimata (seduta tad-9 ta' Ottubru, 2014) li kkonferma li kien biss prezenti ghat-test li sar wara nofsinhar. L-istess xehed Lino Abela, ufficjal tal-intimata kkonferma dak li xehed Farrugia.

15. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li r-rikorrent ipprezenta fit-Tribunal sostna li, *"L-ircevuti tax-xoghol li sar fuq il-vettura XAR 225 u tal-parts relattivi gew ezibiti mix-xhud Vincent Azzopardi (vide fol. 50 et seq tal-process) – il-proprjetarju tal-vettura – liema ricevuti jinsabu a fol. 55 et seq tal-process"*. Madankollu ma gie pprezentat l-ebda dokument li juri li sid il-vettura xtara l-brakes. Sid il-vettura pprezenta Cash Sale ta' Michael Attard Imports Ltd datata 12 ta' Gunju, 2013 (fol. 55) li ssemmi biss *tail gate*, gear link u badge 206.

16. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet il-qorti m'ghandha l-ebda dubju li kienet gustifikata s-sanzjoni li l-intimata mponiet fuq ir-rikorrent fir-rigward tat-test relatat mas-Service Braking Efficiency.

17. Ghal dak li jirrigwarda *'torn bellow on the inner left hand drive shaft'*, it-Tribunal qal:

*"Illi fir-rigward tal-bellows, gie spjegat illi t-test li jsir huwa wiehed vizwali u mhux bil-makkinarju. Illi r-rikorrent ipproduca ritratt tal-bellow kif kienet wara li sar il-post VRT filwaqt li l-ufficjali tal-Awtorita` intimata pprezentaw fotokopja ta' ritratt tal-istess bellow. Illi t-Tribunal josserva illi l-ispjegazzjoni li ta kemm ir-rikorrent u kemm it-tifel tieghu, Angelo Cardona, dwar l-istess bellow hija wahda plawsibbli. Jirrizulta illi fl-ewwel test li sar fis-6 ta' Gunju 2013 ir-rikorrent kien gibed l-attenzjoni ta' sid il-vettura li kien hemm bzonn jinbidlu xi uhud mill-bellows u dawn, skond kif jirrizulta mir-ricevuta Dok VA3 a fol. 54, inbidlu kollha. Illi mir-ritratt esebit mir-rikorrent jidher car li l-bellow ghadha pjuttost gdida u ghalhekk huwa plawsibbli li din harget xi ftit mis-sleeve minhabba xi moviment brusk li seta' sar fil-manuvrar tal-vettura fil-hin tal-post VRT. Illi ghalhekk it-Tribunal huwa tal-fehma illi mill-provi prodotti, dak sostnut mir-rikorrent ghandu mis-sewwa u ghaldaqstant iqis li ma kienx hemm lok li jigi penalizzat fuq l-item tal-bellow".*

18. F'dan il-kuntest il-qorti ghandha d-dubju dwar kemm ghandha ragun l-appellanti fl-aggravu taghha, meta tqis:

    (i) Ir-ritratt prezentat mill-intimata hu biss kopja (fol. 84) u mhuwiex car bizzejjed biex il-qorti tikkonkludi li l-bellow hu mqatta';
    (ii) Lino Abela xehed li l-bellows ghandhom x'jaqsmu ma' suspension. Fis-6 ta' Gunju, 2013 jirrizulta li ghal dak li ghandu x'jaqsam ma' *steering and suspension*, inghata pass minn George Farrugia, ufficjal tal-intimata (ara Dok. GFX1 a fol. 160). Fl-imsemmi dokument m'hemm l-ebda ndikazzjoni li l-*bellow* kien imqatta'.
    (iii) Clayton Zerafa xehed u qal li l-ispezzjoni ma saritx minn taht il-vettura ghaliex fil-garaxx fejn rawha ma kienx hemm *lifter*. Dan zgur mhuwiex il-mod kif kellha ssir spezzjoni.
    (iv) F'dikjarazzjoni datata 17 ta' Gunju 2013 iffirmata minn Joseph Mifsud u George Farrugia jinghad, *"During the test in the presence of TM officers Joe Mifsud and George Farrugia, vehicle failed the test due to low braking efficiency and torn inner shaft bellow (photos and report attached). It is to be noted that the failing items were found 2 hours after it passed the retest"* (fol. 167). Pero' Joseph Mifsud u George Farrugia ma xehedux dwar dan l-allegat difett.

19. Ghalkemm ma gietx prezentata ricevuta li nxtraw il-*bellows* sabiex inbidlu (ara invoice/cash sale datat 12 ta' Gunju 2013 a fol. 54), xorta jibqa' d-dubju. Fic-cirkostanzi l-qorti ma tarax li ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni li ghandu t-Tribunal fl-apprezzament tal-provi. Ladarba jibqa' d-dubju, is-sentenza ghandha tibqa' li hi ghal dak li jirrigwarda l-*bellow*.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' parzjalment l-appell tal-intimat fis-sens li tilqa' l-aggravju tieghu dwar il-*brake test* u tvarja s-sentenza tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva tal-11 ta' Mejju, 2015 u ghalhekk tichad it-talba tar-rikorrent ghar-rigward tal-*penalty points* imposti mill-intimata f'dak ir-rigward. Tichad l-aggravju tal-intimat dwar il-bellow u tikkonferma s-sentenza tat-Tribunal. L-ispejjez taz-zewg istanzi jinqasmu nofs bin-nofs bejn il-partijiet.**

Anthony Ellul.